# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2019**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 780/2018/LSO**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Abdulsalam Alagil sive Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil (K.I. 0291917L)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Abdulsalam Alagil sive Abdulsalam Nasser Alagil (K.I. 0291917L) datat 25 ta' Lulju 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

1. IIIi r-rikorrent twieled f'Harmah, provincja ta' Riyadh, fir-Renju tal-Arabja Sawdita fis-16 ta' Ottubru 1966, u dana skont l-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv 110 registrat u mahrug mid-Direttur tal-Ufficcju tal-lstat Civili ta' Riyadh fit-23 ta' April 2017, li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-lngliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "AA-2".

2. Illi 'l fuq imsemmi Att tat-Twelid juri l-isem shih ta' missier ir-rikorrent, u cioe' dak ta' "Abdulrahman Nasser Abdulrahman Alagil". Minn dan l-istess Att jitnissel, skont il-ligi u l-prattika tar-Renju tal-Arabja Sawdita fejn kull wild jiehu bhala t-tieni isem tieghu l-ewwel isem ta' missieru, u jiehu wkoll bhala t-tielet isem tieghu l-ewwel isem ta' missier missieru, illi l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Abdulsalam Abdulrahman Nasser"; u jitnissel ukoll, skont il-ligi u l-prattika tal-istess Renju tal-Arabja Sawdita fejn kull wild jiehu l-kunjom ta' missieru, illi I-kunjom tar-rikorrent huwa dak ta' "Alagil" - kif inhu kkonfermat fl-opinjoni legali mahruga mill-avukat Sawdi Dottor Abdulaziz Hamad H. Alfahad li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "AA-3".

3. Illi fil-15 ta' Mejju 2017 ir-rikorrent ottjena permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (S.L. 188.03) ic-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta), kit jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "AA-4".

4. Illi ‘l fuq imsemmi Certifikat ta' Cittadinanza Maltija inhareg bl-isem "Abdulsalam Alagil" minkejja illi r-rikorrent kien issottometta l-applikazzjoni tieghu lill-Agenzija Identity Malta sabiex jikseb il-fuq imsemmija Cittadinanza Maltija permezz tan-naturalizzazzjoni bl-isem li bih huwa registrat fir-Renju tal-Arabja Sawdita u li bih l-istess rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u cioe' dak ta' "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil", kif jirrizulta mill-kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "AA-5", ghalkemm it-tielet isem "Nasser" kien gie mqassar ghall-inizjali "N" sabiex l-isem shih tar-rikorrent ikun jaqbel ma' kif l-istess isem jidher fit-traduzzjoni Ingliza tal-passaport Sawdi tieghu.

5. Illi difatti l-isem tar-rikorrent huwa indikat bhala "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil", fost dokumenti utficjali ohra, kemm (i) il-Karta tal-Identita' Nazzjonali tal-Arabja Sawdita bin-numru 1001555463 mahruga fir-rigward tieghu mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita fis-17 ta' Awwissu 1983 li kopja awtentika taghha

flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni taghha bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "AA-6"; kemm (ii) fil-Kuntratt taz-Zwieg tieghu (Dokument Numru 72/11 datat 17 ta' Awwissu 1994 u mahrug mill-Qorti ta' Riyadh) li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-lngliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "AA-7"; kemm (iii) fis-*Civil Status Family Document* numerat 5382964 mahrug mill-Ministeru tal-lntern tar-Renju tal-Arabja Sawdita fit-22 ta' Settembru 2013 li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-lngliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "AA-8"; kemm (iv) fil-'Criminal Record' mahrug mid-Dipartiment tal-Evidenza Forensika tas-Sigurta' Pubblika tal-Ministreru tal-lntern tar-Renju tal-Arabja Sawdita fir-rigward tar-rikorrent u datat 4 ta' Jannar 2016, li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-lngliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "AA-9"; kif ukoll (v) fil-*Family Head Information* (Rapport Numru SRRP0030) mahrug mill-Ministeru tal-lntern tar-Renju tal-Arabja Sawdita fid-29 ta' Frar 2016 li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-lngliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"AA-10".**

6. Illi ghalkemm isem ir-rikorrent huwa imnizzel bhala "Abdulsalam Abdulrahman N Alagil" fit-traduzzjoni Ingliza ta' ismu fil-passaport tieghu numru M701911 mahrug mill-Awtoritajiet tal-Renju tal-Arabja Sawdita f'Riyadh fid-19 ta' Frar 2014, li kopja awtentika tieghu li tinkorpora traduzzjoni tieghu bl-lngliz hija hawn annessa u mmarkata bhala

Dokument **"AA-11"**, huwa evidenti mill-premess illi l-inizjali "N" tirraprezenta ‘l fuq imsemmi tielet isem "Nasser" tar-rikorrent; u difatti isem ir-rikorrent fit-test Gharbi tal-istess dokument jinkorpora l-isem shih "Nasser". Dan jispjega ghaliex it-tielet isem tar-rikorrent kien imnizzel ukoll bl-inizjali "N" fil-Permess ta' Residenza temporanja numru MT2731553 mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti f' Malta fid-29 ta' April 2016, skont kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"AA-12".**

7. Illi bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, ir-rikorrent kien applika lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-Att tat-twelid tieghu jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana sabiex a bazi ta' hekk ikunu jistghu jinhargu a favur tal-istess rikorrent ic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija, il-passaport Malti kit ukoll il-karta tal-identita' Maltija.

8. Illi ghalkemm ir-rikorrent kien ghall-ewwel ipprova japplika ghal tali registrazzjoni bil-fuq imsemmi isem shih li bih huwa registrat fir-Renju tal-Arabja Sawdita u li bih l-istess rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u cioe' dak ta' "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil", skont kopja awtentika tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"AA-13"**, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku kien irrifjuta li l-applikazzjoni ssir f'dak l-isem, u difatti r-rikorrent ma kellu l-ebda ghazla ohra hlief li jissottometti applikazzjoni ohra bl-isem "Abdulsalam Alagil" kif dakinhar erronjament mifhum mill-istess Direttur tar-Registru

Pubbliku fuq interpretazzjoni zbaljata tieghu tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent mahrug fir-Renju tal-Arabja Sawdita, skont kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"AA-14".**

9. Illi in segwitu ghal dina l-applikazzjoni, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrent fis-16 ta' Mejju 2017 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 2919, skont ic-Certifikat tal-istess Att tat-Twelid mahrug mill-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-16 ta' Mejju 2018 hawn anness u immarkat bhala Dokument **"AA-15"**, fejn isem ir-rikorrent huwa imnizzel bhala "Abdulsalam Alagil".

10. Illi l-isem tar-rikorrent fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid kif erronjament irregistrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku m'huwiex fil-fatt kopja vera tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv 110 mizmum fil-*General Directorate of Civil Status, Ministry of Interior*, Riyadh, Saudi Arabia skont kif inhu ddikjarat fl-istess Att tat-Twelid mahrug minnu; u lanqas ma jaqbel mal-isem shih tar-rikorrent fic-Certifikat taz-Zwieg mahrug mill-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku hawn anness u mmarkat bhala Dokument **"AA-16".**

11. Illi bhala konsegwenza ta' dan sew il-Passaport Malti, li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkat bhala Dokument **"AA-17",** kif ukoll il-Karta tal-Identita' Maltija, li kopja awtentika taghha hija hawn annessa u mmarkata bnala Dokument **"AA-18",** illi gew mahruga

sussegwentement a favur tar-rikorrent mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin, indikaw isem ir-rikorrent bhala "Abdulsalam Alagil"; bir-rizultat illi dawn l-istess dokumenti ma jirriflettux l-isem shih ta' "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil" li bih ir-rikorrent huwa registrat fir-Renju tal-Arabja Sawdita u li bih ir-rikorrent huwa konsistentement maghruf u msejjah u kif dan l-isem huwa imnizzel fid-diversi dokumenti esibiti mahruga fir-Renju tal-Arabja Sawdita.

12. Illi mhux talli hekk biss, izda talli l-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku pproceda mbaghad sabiex jirregistra korrettement isem l-istess rikorrent fl-Atti tat-Twelid tat-tfal tieghu Areeb, Rasees u Samaher bhala "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil", skont ma jirrizulta mic-Certifikati tal-Atti tat-Twelid li jgibu n-numri progressivi ta' iskrizzjoni 2917, 2918 u 2920 rispettivament u li inhargu wkoll fis-16 ta' Mejju 2017 hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti **"AA-19", "AA-20"** u **"AA-21",** u b'hekk konsegwenza tal-izball tieghu l-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jaghti lok ghal inkonsistenza kif ukoll johloq incertezza dwar isem ir-rikorrent.

13. Illi kif fuq premess, u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil", b'liema isem l-istess rikorrent kien ukoll minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u ismu m'huwiex biss "Abdulsalam Alagil" skont kif gie indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid

registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-16 ta' Mejju 2017 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2919.

14. Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq illi t-tieni u t-tielet ismijiet tieghu u cioe' l-ismijiet "Abdulrahman Nasser" jigu mizjuda fl-istess Att tat-Twelid registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-16 ta' Mejju 2017 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2919, sabiex b'hekk l-isem shih u korrett tal-istess rikorrent jinqara bhala "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil" kif jitnissel mill-Att tat-Twelid tieghu tar-Renju tal-Arabja Sawdita.

15. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi :-

1. Tordna *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2919 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-16 ta' Mejju 2017, billi jigu registrati fl-istess Att tat-Twelid it-tieni u t-tielet isem tar-rikorrent, u cioe' l-ismijiet "Abulrahman Nasser", sabiex b'hekk l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara "Abdulsalam Abdulrahman Nasser" bhala isem u "Alagil" bhala kunjom; u konsegwentement

2. Tordna illi jigi mdahhal annotament fil-margini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saret tali

korrezzjoni u registrazzjoni *ai termini tal*-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent in segwitu ghall-korrezzjoni u registrazzjoni relattiva jigi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat civili iehor relattiv ghall-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Novembru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttru tar-Registru Pubbliku datata 30 ta' Awwissu 2018 (fol 82) fejn Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur tieghu jiddikjara u jikkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u dan abbazi tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijietta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

3. Illi jidher li r-rikorrent twieled f' Harmah, provincja ta' Riyadh, fir-Renju tal-Arabja Sawdita, nhar is-16 ta' Ottubru

1966. Eventwalment jidher illi nhar il-15 ta' Mejju 2017, ir-rikorrent kiseb ic-cittadinanza Maltija u dan b'naturalizzazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, ir-rikorrent kellu l-fakulta' illi jirregistra l-Att tat-Twelid originali esteru mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku u dan *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi l-esponent irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrent wara talba maghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1'. Flimkien mat-talba, gew forniti wkoll id-dokumenti kollha mehtiega, *inter alia,* l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 2 u Dok. DRP 3'. Wara li d-dokumenti msemmija gew evalwati u l-esponent kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, l-istess esponent ghadda ghar-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Dan ifisser illi *stante* li fit-traduzzjoni tal-Att tat-Twelid esteru pprovduta lill-esponent, isem ir-rikorrent kien imnizzel bhala 'Abdulsalam', l-esponent kien kostrett li jnizzel fl-Att tat-Twelid rregistrat gewwa Malta l-istess isem u dan *stante* li l-esponent huwa marbut li jnizzel fl-Att tat-Twelid Malti l-istess informazzjoni u dettalji li jinsabu fl-Att tat-Twelid esteru;

5. Illi *stante* s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti mill-esponenti, ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tar-rikorrenti, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', li jgib in-

numru ta' iskrizzjoni 2919 tas-sena 2017, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li kemm fl-Att tat-Zwieg tar-rikorrent, kif ukoll fl-Atti tat-Twelid tat-tlett uliedu, ir-rikorrent dejjem iddikjara illi huwa jismu bhala 'Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil', u dan kif fil-fatt jista' jigi rifless mill-imsemmija dokumenti li jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 5', 'Dok. DRP 6', 'Dok. DRP 7', u 'Dok. DRP 8';

7. Illi ghaldaqstant, l-esponent, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

8. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 10 ta' Jannar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Kevin Dingli ghall-atturi u

Dr Neil Harrison ghad-Direttur Intimat. Dr Harrison irrimetta ruhu ghal-'legal opinion' esebita mir-rikorrent noe, u iddikjara li m'ghandux oggezzjoni biex isir it-tibdil dwar dik l-opinjoni, salv ghall-kap tal-ispejjez billi l-izball mhux imputabbli lill-intimat. Dr Dingli rrimetta ruhu u ddikjara li m'ghandux aktar provi. L-istess ghamel Dr Harrison, u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fil-31 ta' Lulju 2018 (fol 78), u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob, li l-att tat-twelid tieghu kif registrat, jigi korrett billi l-isem shih tar-rikorrent jigi "Abdulsalam Abdelrahman Nasser Alagil".

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li tiddisponi li:

"***244.*** *(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor b'lingwa li mhix wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, d-dettalji imnizzla fl-Atti f'Malta jittiehdu minn traduzzjoni mahruga minn dak il-pajjiz.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Id-dokumenti ufficjali u c-certifikati esebiti mir-rikorrenti jistghu jaghtu l-informazzjoni mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghat-talba odjerna.

Difatti, jirrizulta, li r-rikorrent applika biex jigi registrat l-att tat-twelid tieghu f'Malta, Dok AA13 (fol 64) wara li kiseb ic-

cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jidher minn Dok AA4.

Ir-rikorrent esebixxa kopja ta' 'legal opinion' ta' avukat fis-Saudia Arabia, Dr. Abdulaziz Hamad H. Alfahad. F'din il-'legal opinion', gie kkonfermat, li wara li ezamina l-att tat-twelid tar-rikorrent, hu jikkonferma li l-isem shih tar-rikorrent huwa "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil", skont il-prassi fis-Saudia Arabia fir-registrazzjoni ta' atti tat-twelid. Huwa spjega precizament li "Abdulsalam" huwa l-ewwel isem tar-rikorrent. Isegwi, l-ewwel isem ta' missieru, li huwa "Abdulrahman", u l-isem tan-nannu patern "Nasser", u l-kunjom li huwa "Alagil". Huwa spjega li l-att tat-twelid tar-rikorrent fis-Saudia Arabia fih l-informazzjoni kollha mehtiega. Inoltre`, gew annessi kopji mal-istess "legal opinion" Annex B, li huwa kopja tal-att tat-twelid tar-rikorrent, u Annex C u D, kopja tal-passaport u tal-karta tal-identita` tar-rikorrent fis-Sauda Arabia, li juru evidentement li l-isem tar-rikorrent huwa "Abdulsalam Abdurahman Nasser Alagil".

Jirrizulta li l-istess intimat eccepixxa fis-sitt eccezzjoni, li f'Dok DRP5, DRP6, DRP7, u DRP8, annessi mal-istess risposta, li fl-att taz-zwieg tar-rikorrent registrat f'Malta, kif ukoll l-att tat-twelid tat-tlett uliedu kif registrat f'Malta, isem ir-rikorrent huwa indikat bhala "Abdulsalam Abdulrahman Nasser Alagil". Dan l-istess isem tar-rikorrent jinsab rifless ukoll, fid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur.

Ikkonsidrat, li l-avukat difensur tal-intimat irrimetta ruhu ghal-legal opinion esebita mir-rikorrent u ddikjara li

m'ghandux oggezzjoni sabiex isir it-tibdil dwar dik l-opinjoni, salv ghall-kap tal-ispejjez (fol 113).

Ikkunsidrat ukoll, li l-intimat fir-risposta tieghu, irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid, attribwibbli lill-intimat, *stante*, li gie registrat dak indikat fid-dokumenti mghoddija lilu mir-rikorrent Dok DRP2 u Dok DRP 3 kif tradotti. Ghalhekk, l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tordna li jigi korrett l-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2919 kif registrat fis-16 ta' Mejju 2017, sabiex l b'hekk l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara "Abdulsalam Abdulrahman Nasser" bhala isem u "Alagil" bhala kunjom; u konsegwentement

Referibbilment, ghat-tielet talba, din ma saritx fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha sabiex jigi riservat ghar-rikorrent li jiddeduci talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, issir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Jannar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Jannar 2019**